MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Numru 946/2012

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Busuttil)

vs

Wayne Debono
Criffen Debono

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 91193M u 8596M rispettivament, akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fit-2 ta' Ottubru 2010 f'San Pawl il-Bahar f'xi hin bejn it-tmienja ta' fil-ghaxija u l-hdax ta' bil-lejl:

1. ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' persuni inkarigati minn servizz pubblku u cioe' PS587, PC1430, WPS254, WPC44 u PC210 jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt

li kienu qed jaghmlu dmirijiethom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijiethom billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew seta' ghamel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor kien ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor.
2. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta kienu fil-pubbliku qalu xi kliem oxxenn jew indicenti li kien ukoll jikkonsisti f'dagha.
3. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew hebbew ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' PS587, PC1430, WPS254, WPC44 u PC210 fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

Lil Wayne Debono wahdu talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsarat volontarji fuq crash helmet ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta liema hsarat huma aktar minn €233.30 u anqas minn €1,165.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputati jirregistraw ammissjoni fl-liema ammissjoni l-imputati baqghu jinsistu anka wara li l-Qorti tathom zmien jirrikunsidraw.

Stante din l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputati tiddikjarahom hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom.

Rat l-Artikolu 338(ee)(bb), 342, 96, 17 u 325(b) tal-Kap 9, dan ta' l-ahhar fil-konfront tal-imputat Wayne Debono.

Tiddeciedi filwaqt li ssibhom hatja li tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446, b'hekk li tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor f'perjodu ta' tlett xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabbilitajiet taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------